MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 211/2007

**Talba Nru: 211/07PBC**

**John Ripard & Son (shipping) Limited (C20097)**

**Vs**

**Coralline Stone Malta Limited (C28298)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija u sitta u disghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm496.52c) rapprezentanti spejjez ta' noll u spejjez ancillari relattivi

ghal container numru MLCU 2146997 skond ordni tat-12 ta' Dicembru, 2006.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' erba' mija u sitta u disghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm496.52c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------